# 106. Is-Sajf

Igħarwen l-art sew kif iġiżż l-imrieħel,
u jixrob il-widien, jagħmel lix-xtieli
bħal skeletri weqfin, lill-mewġ imannas,
u jifga lill-irjieħ, jaħraq il-weraq
bil-ħruq ta' wiċċu, u mill-fergħat idendel
bħal bċejjeċ tas-sadid...

Festa twila
tal-elementi tan-nar moħbi fid-dinja,
li ma jeqredx biex jeqred
bħall-gwerra tal-bnedmin,
'mma jsaffi
fil-forġa tan-nar
it-tajjeb mill-ħażin...

Fuq dahar il-ħmir u n-nemel
il-qmuħ għaddejja;
u fuq kull torba
hemm elf żerriegħa!